Ħadmu Għall-Oratorju

# DUN WISTIN GRECH M.S.S.P.



Twieled il-Ħamrun fil-11 ta' Ġunju 1909 minn Ġużeppi u Eliżabetta mwielda Cremona. Daħal fis-soċjeta' fl-1919 meta beda l-istudji fil-Kulleġġ San Alwiġi. Kien fl-Oratorju tagħna li ngħata l-ewwel ordnijiet minuri fl-1931 u kien ordnat sacerdot is-sena ta' wara. Minn sentejn qabel sa sitt xhur wara kien hawn bħala assistent ta' Dun Mikiel Callus li kien superjur ta' l-Edukandat S. Marija li kien waqqaf fil-post Mons. De Piro.

Mill-1936 waqt li kien imexxi l-Istitut S. Ġużepp, fil-għaxijiet kien jiġi fl-Oratorju biex kienet tista' tkompli l-ħidma fil-post. Mill-1937 inħatar Assistent ekkleżjastiku ta' l-azzjoni Kattolika li kien għad kif twaqqfet f'Birkirkara. Fl-1940 kien għal żmien qasir *chaplain* ta' l-internati li kienu miżmumin f'Sant Agata meta faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija.

Wara din il-gwerra reġa' ntbagħat l-Oratorju mnejn fl-1948 siefer lejn l-Awstralja ma' grupp ta' emigranti Maltin biex sar il-pijuniet tal-missjoni tal-M.S.S.P. hemmhek. Għalhekk dis-sena huwa wkoll il-ħamsin anniversarju tat-twaqqif tal-missjoni tas-Soċjeta' fl-Awstralja fejn fis-snin ħamsin u sittin komplew imorru għadd ieħor ta' Saċerdoti li kienu jkunu għamlu l-ewwel snin tal-ministeru saċerdotali tagħhom fl-Oratorju tagħna.

Mill-Awstralja, fl-1958, erbgħin sena ilu, kien mar il-Kanada fejn ukoll waqqaf missjoni tas-soċjeta' fil-post. Ġie lura Malta fl-1962 u kien fl-Istitut ta' San Ġużepp. Mill-1963 sal-1969 wara l-ewwel Kapitlu Ġenerali ta-soċjeta', ngħażel bħala wieħed mill-erba' assistenti tas-superjur Ġenerali, kif kien ukoll bejn l-1975 -82. F'daż-żmien reġa' kien ukoll superjur fl-Istitut S. Ġużepp. Tela' S. Agata fl-1989 u miet fil-24 ta' Frar 1992.